



Brussell, 9 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

8921/26

LIMITE

**CORLX 439
CFSP/PESC 642
CSDP/PSDC 272
EPF AM 64
COPS 250
POLMIL 190
EUMC 179
CSC 282**

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1980 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati tal-Benin b'tagħmir militari mfassal biex iwassal forza letali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1980
dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi
biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati tal-Benin
b'taġmir militari mfassal biex iwassal forza letali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Lulju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1980¹, li stabbiliet miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati tal-Benin b'tagħmir militari mfassal biex iwassal forza letali.
- (2) L-implimentazzjoni sħiħa tal-appoġġ ippjanat lill-Forzi Armati tal-Benin mhux ser titlesta qabel tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1980. Għalhekk, jenħtieġ li dak il-perjodu jiġi estiż b'sitt xhur mill-15 ta' Lulju 2026 sal-15 ta' Jannar 2027.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1980 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1980 tal-15 ta' Lulju 2024 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jiġu appoġġati l-Forzi Armati tal-Benin b'tagħmir militari mfassal biex iwassal forza letali (ĠU L 2024/1980, 16.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1980/oj>).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/1980, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 30 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President